MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1394/1983/1

**Evelyn Spiteri u Carmel G. Bonello bhala Diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta` Alfred Hili and Company Limited; u b'digriet tat-13 ta' Novembru 1998 is-socjeta` Alfred Hili and Company Limited assumiet l-atti tal-kawza f'isimha proprju minflok il-mejtin Evelyn Spiteri u Carmel Bonello**

**vs**

**Ronald Zammit**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-15 ta' Novembru 1983 li permezz taghha l-atturi nomine wara li ppremettew:

Illi l-konvenut kien impjegat mad-ditta attrici skond kuntratt li kopja tieghu qeghda tigi annessa bhala Dokument A, tas-16 ta' Frar, 1981 fost liema kondizzjonijiet tal-impieg

kien hemm dik illi l-impjegat kemm il-darba jitlaq mill-impieg fi zmien mit-terminazzjoni tal-impieg tieghu ma setghax jiftah negozju f'ismu, in partnership, jew inkella bhala shareholder ma kumpanija limitata jew inkella ma individwu privat f'business illi jaghmel kompetizzjoni ma dak tad-ditta attrici, u inoltre l-impjegat kien obbligat illi ma jiddivulgax lil terzi informazzjoni konfidenzjali illi huwa jsir jaf waqt il-kors tal-impieg tieghu u ghad-detriment ta' Alfred Hili and Company;

Illi f'Dicembru 1981, l-impieg gie terminat fuq talba tal-istess konvenut;

Illi sussegwentement kemm ditti barranin kif ukoll klijenti Maltin illi maghhom kellu kuntatt l-imsemmi Ronald Zammit waqt l-impieg tieghu ma Alfred Hili and Company l-istess konvenut beda jaghmel konkorrenza mal-istess ditta li kienet qed timpjegah kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Talbu li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lid-ditta attrici l-penali li tinghata fl-istess kuntratt ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) ghan-nuqqas tieghu kontrattwali fuq imsemmi. Oltre kwalunkwe azzjoni ohra ghad-danni spettanti lid-ditta attrici;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni nkluzi dawk tal-ittra tas-26 ta' Frar, 1982;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi, minghajr pregudizzju ghall-paragrafi sussegwenti l-kuntratt ta' l-impieg (gia esibit u markat Dokument "A") huwa vizjat imhabba nuqqas ta' kunsens da parti tal-eccipjent kif jigi ppruvat u trattat waqt il-kawza;

2. Illi anke kieku l-istess kuntratt huwa validu, xorta wahda ma japplikax billi l-eccipjent ma kiser ebda klausola kontrattwali;

3. Illi, fi kwalunkwe kaz, dawn it-tipi ta’ klausoli “in restraint of trade” dejjem ghandhom jigu moghtija interpretazzjoni restrittiva favur l-impjegat;

4. Salv eccezzjoni ohra;
Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Gunju 1984 li permezz tieghu giet nominata l-Avukat Dottor Catherine Tabone bhala perit legali biex tfittex u tirrelata dwar it-talbiet attrici wara li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u taghmel l-osservazzjonijiet necessarji u li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-18 ta' Gunju 1986 li permezz tieghu ghall-imsemmija perit legali gie sostitwit l-Avukat Dottor Tonio Mallia;

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Mejju 1996 fejn giet nominata l-assistenta gudizzjarja l-Avukat Dottor Monica Borg Galea sabiex tiehu hsieb il-gbir tal-provi;

Rat il-verbali kolla tax-xhieda;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Permezz ta' l-ewwel ecezzjoni tieghu l-konvenut isostni li l-kuntratt ta' impjieg (Dok. A anness mac-citazzjoni) huwa vizzjat minhabba nuqqas ta' kunsens da parti tieghu. Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu jghid li meta rapprezentanti tas-socjeta` attrici tatu l-kuntratt biex jiffirmah, huwa ma riedx jiffirma izda kellu jiffirma dak il-hin stess peress li r-rapprezentanti tas-socjeta` attrici qaltlu li jekk ma jiffirmax ikollha tittermina l-impjieg tieghu.

Mill-provi jirrizulta li fid-9 ta' Jannar 1976 il-konvenut kien gie impjegat bhala salesman minn Alfred Hili *de proprio* permezz ta' kuntratt ta' impjieg li gie esebit minn Evelyn Spiteri ma' l-affidavit taghha. Sussegwentement giet

iffurmata is-socjeta` Alfred Hili Co. Ltd. (skond il-Memorandum u Articles of Association, fil-11 ta' Frar 1977), izda kien biss wara l-mewt ta' Alfred Hili li l-konvenut gie mitlub jiffirma kuntratt ta' impjieg gdid mas-socjeta` attrici. Fix-xiehda tieghu l-konvenut jghid li kienet avvicinatu Evelyn Spiteri u qaltlu jekk ma jiffirmax dak il-kuntratt, hi ma tistax thaddmu. Kompla jghid li xi hmistax wara regghet saqsietu jekk kienx lest jiffirma l-kuntratt u hu, peress li ma kellux xoghol iehor, iffirmah. Jghid: *"Jiena iffirmajtu ghax nahseb li kelli niffirmah wara li hi qaltli li ma setghetx tkompli thaddimni jekk ma niffirmax"*. In kontro-ezami qal ukoll li l-kuntratt iddiskutewh, tant li fit-tieni pagna ta' dan l-istess kuntratt (a fol. 6) hemm parti maqtugha.

Mix-xiehda tal-konvenut stess ma jistax jinghad li l-kunsens tieghu kien vizzjat. Kuntrarjament ghal dak li qal fid-dikjarazzjoni guramentata annessa man-nota ta' eccezzjonijiet, ma kienx imgieghel jiffirma "dak il-hin stess". Anzi jidher li kellu mill-anqas hmistax-il gurnata biex jara l-pozizzjoni tieghu u sahansitra ddiskuta l-kuntratt ma' l-*employer* tieghu u parti anke giet imhassra. Barra minn hekk, ghalkemm il-konvenut xehed li l-izjed kondizzjoni li ma ghogbitux kienet dik li biha kien marbut li ma jahdimx fl-istess generu ta' xoghol wara li jitlaq minn mas-socjeta` attrici, din il-kondizzjoni kienet kwazi identika ghal dik li kien iffirma ghaliha meta gie impjegat minn Alfred Hili. U hu stess xehed li jifhem li din it-tip ta' klawzola saret fl-interess tas-socjeta` attrici biex ma ggarrafx detriment.

Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hi michuda.

Fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut jghid li jekk il-kuntratt huwa validu, xorta wahda ma japplikax peress li hu ma kiser l-ebda klawzola minnu, u fid-dikjarzzjoni guramentata tieghu jsostni li hu ma dahalx f'kompetizzjoni mas-socjeta` attrici.

Issa, permezz tac-citazzjoni taghha s-socjeta` attrici qed tallega li wara li l-konvenut telaq mill-impjieg tieghu minn maghha (skond Evelyn Spiteri dan kien fit-18 ta' Dicembru

1981), kemm ditti barranin kif ukoll klijenti Maltin illi maghhom il-konvenut kellu kuntatt waqt l-impjieg tieghu bdew jinfurmaw lis-socjeta` attrici li l-konvenut kien qieghed jaghmel konkorrenza ma' l-istess socjeta` li kienet timpjegah. U fid-dikjarazzjoni guramentata taghha s-socjeta` attrici tghid li klijenti Maltin bdew jinfurmawha *"illi kellhom offerti bi price undercutting minn rapprezentant li kellha qabel u aktar 'il quddiem sahansitra ditta Spanjola infurmat illi kellha kuntatti mal-istess Zammit illi jrid jaghmel ordnijiet u dana fuq il-bazi illi kien jaf bil-kuntratti precedenti illi kellha l-istess ditta attrici"*.

Evelyn Spiteri fl-affidavit taghha tghid li kienet akkwistat ditta spanjola bl-isem ta' FAUS li minghandha kienet timporta c-chipboardtirreferi ghal klijent tas-socjeta` attrici, "Defranco", li infurmaha li kien qieghed imur il-konvenut joffri l-istess materjal ta' FAUS b'xi concessions zghar. Cemplu lil FAUS li gew Malta, iltaqghu ma' rapprezentanti tas-socjeta` attrici izda l-konvenut hadhom ghand kompetituri tas-socjeta` attrici wkoll. Tghid li d-ditta ta' FAUS spicca hadha l-konvenut. Evelyn Spiteri tirreferi wkoll ghal agent iehor, Cali`, f'Katanja li informa lis-socjeta` attrici li kien cempillu l-konvenut biex jibda jaghmel negozju mieghu. Semmiet ukoll diversi klijenti li infurmawha li l-konvenut kien qieghed imur ghandhom u joffri l-istess affarijiet. Ix-xiehda ta' David Spiteri Hili bazikament tirrispekkja dak li qalet Evelyn Spiteri.

Dak li xehdu Evelyn Spiteri u David Spiteri Hili dwar l-allegata attivita` tal-konvenut meta dan telaq minn mas-socjeta` attrici pero` jikkostitwixxi principalment fatti li qalulhom bihom persuni li setghu jingiebu liberament biex jixhdu f'dawn il-proceduri. Izda s-socjeta` attrici la harrkithom biex jixhdu, ghalkemm indikati fl-elenku tax-xhieda anness mac-citazzjoni, u lanqas ma esibiet provi dokumentarji. Barra minn hekk jirrizulta mix-xiehda ta' Evelyn Spiteri stess: li prodotti tad-ditta FAUS kienu jigu importati wkoll minn certu Carmelo Gauci u li ma jirrizultax li d-ditta Cali` ta' Katanja waqfet in-negozju taghha mas-socjeta` attrici.

Il-piz tal-prova ta' dak li hemm fic-citazzjoni, cioe` li l-konvenut beda jaghmel konkorrenza mas-socjeta` attrici meta telaq l-impjieg tieghu minn maghha, jinkombi fuq is-socjeta` attrici li qieghda taghmel din l-allegazzjoni, u dan in bazi ghall-principju legali **"ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat"**. Fil-fehma ta' din il-Qorti, fuq il-bazi tal-provi mressqa mis-socjeta` attrici, ma jistax jinghad li hija rnexxielha tipprova tali allegazzjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez li jithallsu kwantu ghal kwart mill-konvenut u tliet kwarti mis-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------